

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 143/2013

tal-15 ta' Lulju 2013

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2012/36/UE tad-19 ta' Novembru 2012 li temenda d-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liċenzji tas-sewqan <sup>(1)</sup> għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (2) L-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej jizjed mal-punt 24f (id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fl-Anness XIII ta' mal-Ftehim ŻEE:

“— **32012 L 0036:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2012/36/UE tad-19 ta' Novembru 2012 (ĠU L 321, 20.11.2012, p. 54).”

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2012/36/UE bil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fis-16 ta' Lulju 2013, kemm-il darba jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (\*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni tkun ippubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Lulju 2013.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE**Il-President*

Thórir IBSEN

<sup>(1)</sup> ĠU L 321, 20.11.2012, p. 54.

(\*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.